**6 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Austin Grech

## Awtorità Marittima – Ordni Leġittimu

*Biex tagħti ordni fil-funzjoni tagħha l-Awtorità Marittima mhix tenuta li tikkonsulta ma' xi ħadd jew tagħmel xi studji jew tipprovdi rmiġġi temporanji. Ordni tali għandu jiġi obdut, u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' l-istess ordni.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat talli f'Għawdex fl-aħħar tliet (3) xhur qabel id-9 ta' Lulju, 1992 (1) ingombra l-moll ta' l-Imġarr, Għawdex bid-dgħajsa numru F – 202 u (2) naqas jobdi l-ordnijiet leġittimi u direttivi leġittimi ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta li jpoġġi d-dgħajsa numru F – 202 fil-post li ġie awtorizzat lilu mill-istess Awtorità, liema ordnijiet ġew mogħtija lilu bil-miktub u li ġġib id-data tat-3 ta' Lulju, 1992 u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Port 1966 Sect. 15, ir-regolamenti ta' l-irmiġġ 1975 Sect. 3, bit-talba li l-Qorti, minbarra l-piena stabbilita, tordna lill-imputat sabiex ineħħi l-istess dgħajsa fi żmien kif jidhrilha xieraq l-istess Qorti taħt penali ta' mhux anqas minn ħames liri Maltin (Lm5) kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tad-29 ta' Lulju, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) illiberat lill-imputat minn dawk l-imputazzjonijiet billi ma sabitux ħati tagħhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u minflok issib lill-imputat appellat ħati ta' l-akkużi u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ta' l-istess sentenza da parti ta' l-Avukat Ġenerali ssollevata mill-appellat, u s-sentenza tas-27 ta' Awissu, 1992 li biha din il-Qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat:

1. L-ewwel Qorti waslet biex illiberat lill-appellat wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Billi dak li jirriżulta indubbjament huwa li l-imputat ma ġiex ikkonsultat fl-assenjazzjoni tal-post ta' l-irmiġġ kif ġew ikkonsultati sajjied oħra u billi jirriżulta wkoll li l-post allokat mhux adegwat għad-dgħajsa 202 ta' l-imputat skond kif jammetti l-Kaptan Arthur Zammit German prodott mill-prosekuzzjoni;

U billi għalhekk id-direttiva ta' l-Awtorità Marittima ma tistax tiġi esegwita għaliex ħadd ma jista' jiġi obbligat li jagħmel l-impossibli jew li jipperikola l-beni tiegħu, iktar u iktar meta l-ordni tkun evidentement ibbażata fuq nuqqas ta' studju serju dwar l-eżiġenzi ta' dgħajjes in kwistjoni u l-lok tax-xatt assenjat;

U billi għalhekk l-imputat, sakemm tiġi assenjata lilu "*berth*" regolari għandu jiġi pprovdut b'irmiġġ temporanju u sakemm dan ma jiġix ipprovdut għandu l-jedd almenu skond il-ġustizzja naturali jorbot mal-moll destinat għall-pubbliku";

2. Issa l-Awtorità Marittima għandha l-funzjoni li

tipprovdi, żżomm u tħaddem portijiet (artikolu 6(1) Att XVII ta' l-1991). Fl-esekuzzjoni ta' din il-funzjoni, għandha s-setgħa li tipprojbixxi, tikkontrolla u xort'oħra tirregola l-użu minn xi persuna ta' xi port jew ta' xi facilità ta' port, kif ukoll li tipprojbixxi u tikkontrolla l-preżenza ta' xi persuna jew ta' bastiment fil-port (artikolu 7(1)(a) ta' l-Att imsemmi). Dik l-Awtorità għandha s-setgħa li tordna fejn kull bastiment jiġi rmiġġjat fil-port, u li tordna t-tneħħija ta' kull bastiment minn xi rmiġġ (artikolu 13 Kapitolu 170). It-terminu "bastiment" jinkludi dgħajsa, u "port" jinkludi dak ta' l-Imġarr Għawdex (artikolu 2 Kap. 170);

3. Il-premess ma jħalli ebda dubju li l-Awtorità Marittima għandha l-kompetenza tagħti ordnijiet għal dak li jirrigwarda l-irmiġġ u kull moviment u saħansitra l-preżenza tad-dgħajjes fil-port ta' l-Imġarr. Biex tagħti ordni fil-funzjoni tagħha msemmija, l-Awtorità mhix tenuta bil-liġi tikkonsulta ma' xi ħadd, jew tagħmel xi studji jew tipprovdi rmiġġi temporanji, kif apparentement irriteniet l-ewwel Qorti. Ordni tali għandu jiġi obdut, u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' l-istess ordni (Kollez. Vol. XLIII.IV.1075);

4. Il-fatti kif allegati fl-imputazzjoni rriżultaw ippruvati;

Għalhekk tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u ssib lill-imputat appellat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni li tassorbi t-tieni waħda, u wara li rat ir-regolamenti 3(1) ta' l-Avviż Legali 117 ta' l-1975 u 15(1) u 129(2)(4) ta' l-Avviż Legali 43 ta' l-1966, tikkundannah tletin lira (Lm30) multa u tordnalu jikkonforma ruħu, jekk mhux ġa kkonforma ruħu, ma' l-ordni msemmi ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa

b'multa addizzjonali ta' ħames liri (Lm5) għal kull ġurnata li fiha jonqos milli jottompera ruħu ma' dak l-ordni.